**5 ta' Frar, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D.**
**President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Nicolo Ciappara

*versus*

Carmela Caruso ne.

**Assoċjazzjoni in Parteċipazzjoni — Kontijiet —**

*Il-ġurisprudenza stabbiliet il-prinċipju illi, fil-każ ta' assoċjazzjoni in parteċipazzjoni, l-azzjoni mogħtija m'l-liġi wara x-xoljiment mhix dik ta' likwidazzjoni, imma ta' rendiment ta' kontijiet da parti tas-soċju li kien imexxi l-operazzjoni komuni. Jekk ma tiġix osservata din il-proċedura, il-proċeduri proposti huma ritwalment nulli.*

*Dan il-prinċipju huwa bażat fuq in-natura speċjali tal-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni; u għandu jiġi strettament limitat għall-każijiet li għalihom japplika.*

*Issa, hu indubitat li l-essenza tal-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni hija r-riprtizzjoni bejn l-assoċjati tal-qliegħ jew telf li jirriżulta mill-operazzjoni jew operazzjonijiet magħmulin mill-assoċjati flimkien. Għaldaqstant, jekk tnejn minn nies*

*jiehdu appalt bi sħab, imma jidhru flimkien, u bil-ftehim li wiehed minnhom jeżegwixxi parti mix-xogħol u l-iehor jeżegwixxi partijiet oħra, b'dan illi l-ħlas tax-xogħol li jagħmel wiehed ikun kollu għalieh mingħajr partiċipazzjoni tal-iehor, u kull wiehed minnhom igawdi jew ibati waħdu l-qliegħ jew it-telf li jkun hemm fix-xogħol li hu jeżegwixxi, ma hemmx assoċjazzjoni in partiċipazzjoni; u jekk wiehed miż-żewġ assoċjati jinkassa l-flus kollha, anki dawk li huwa dovuti għax-xogħol tal-iehor, l-azzjoni ta' dan biex jiġu lilu mħallsin il-flus inkassati għalieh minn sieħbu mhix dik ta' likwidazzjoni, imma ta' rendiment ta' kontijiet u ħlas tal-bilanċ li jirriżulta. U jekk l-instanti għal dan il-ħlas ikun jaf kemm hu l-bilanċ lilu dovut, ma hemmx bżonn li jagħmel talba għar-rendiment tal-kontijiet da parti ta' sieħbu, imma hi biżżejjed id-domanda biex dan iħallsu l-bilanċ li baqgħalu jagħtieh mill-flus li daħħal għalieh.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-kontendenti kienu jiehdu appalti ta' kostruzzjoni ta' djar u bini iehor, bil-ftehim li l-attur jaħdem u jitħallas tax-xogħol tal-ġebel, u l-konvenut jaħdem u jitħallas tax-xogħol tal-injam, madum, ħadid, tibjid, u attrezzaturi oħra meħtieġa; u illi l-kontendenti eżegwew dawn l-appalti b'dan il-mod fil-fondi msemmijin fil-lista prodotta mal-att taċ-ċitazzjoni, u l-konvenut kien jinkassa l-flus kollha u kien jagħti akkonti fil-ġimgħa lill-attur, u x-xogħol li eżegwixxa l-attur hu tal-valur ta' £8901. 12.5d, u l-konvenut għandu jagħti wkoll lill-attur £30. 10. 0d valur ta' għodda li l-konvenut ħa minn għandu; u l-konvenut ħallas lill-attur diversi pagamenti akkont li jammontaw għal £7789. 16. 0d, u għalhekk l-attur baqgħalu jirċievi minn għandu s-somma ta' £1142. 15. 11d; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu din is-somma ta' £1142. 15. 11d għar-raġunijiet premessi; bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-16 ta' Lulju 1957;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta nomine, li biha, in linea preliminari, issottomettiet illi l-azzjoni eżerċitata mill-attur hi irritwali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1959, li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni u ddifferiet il-kawża għall-provvediment dwar il-meritu, jekk ikun il-każ; wara li kkunsidrat;

Illi l-ġurisprudenza ċitata mill-konvenuta nomine in sostenn tal-eċċezzjoni preliminari mhix applikabbli, għaliex dan ma hux każ ta' assoċjazzjoni in parteċipazzjoni jew assoċjazzjoni oħra fejn isiru l-kontijiet tad-dħul u tal-ħruġ u tal-profitti, imma, almenu kif jirriżulta mill-provi, hu każ ta' talba għall-ħlas ta' flus inkassati mill-konvenut u li skond il-ftehim dan kellu jagħti lill-attur fl-interezza tagħhom in konsiderazzjoni tax-xogħol li għamel u li għalihom dawk l-istess flus ġew inkassati;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuta, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li dik is-sentenza tiġi revokata u tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tagħha, u li tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Is-sentenza appellata ma marretx kontra l-ġurisprudenza ċitata mill-appellanti, li stabbiliet il-prinċipju illi fil-każ ta' assoċjazzjoni in parteċipazzjoni l-azzjoni mogħtija mil-liġi wara x-xoljiment mhix dik ta' likwidazzjoni, imma "di resa di conto dal socio che gestiva il negozio" (XXVIII-I-693). L-Ewwel Onorabbli Qorti rriteniet biss, kif jidher evidenti, illi dik il-ġurisprudenza ġiet stabbilita f'kawżi fejn inkontestabbilment si trattava ta' assoċjazzjonijiet in parteċipazzjoni vera u proprja (ibid.), u għalhekk dik il-ġurisprudenza ma hix applikabbli għall-każ preżenti mħabba l-fattezzi partikulari tiegħu. Lanqas hemm bżonn jingħad illi, billi l-applikazzjoni tal-prinċipju stabbilit mill-ġurisprudenza, kif intqal fuq, timporta, fil-każ ta' inosservanza in-nullità ritwali tal-proċeduri, u barra minn dan, dak il-prinċipju hu bażat fuq in-natura speċjali tal-assoċ-

jazzjonijiet in partiċipazzjoni, hu għandu jiġi strettament limitat għall-każijiet li għalihom verament japplika;

Din il-Qorti ma għandha ebda eżitazzjoni li taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-każ preżenti. Ma jistax ikun hemm dubju illi l-essenza tal-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni hi r-ripartizzjoni bejn l-assoċjati tal-qliegħ jew telf li jirriżulta mill-operazzjoni jew operazzjonijiet magħmulin minnhom flimkien. Il-vantaġġ tal-qliegħ u r-riskju tat-telf tal-operazzjoni, kunsidrata kollha f'daqqa, jeħtieġ essenzjalment (hi x'inhi l-proporzjoni mifthema) li jkun komuni. Il-kelma stess "partiċipazzjoni" hi appuntu riferibbli għall-profitt jew għall-perdita li tħalli l-operazzjoni maħduma in assoċjazzjoni;

Dan jidher mill-kommentaturi kollha tal-Kodiċi Franċiż antik, li minnu ġiet kupjata d-dispożizzjoni tal-Kodiċi Tagħna (salv dettall importantissimu li l-Qorti, in vista tal-konklużjoni li waslet fiha fuq dan l-element tal-komunjoni tal-qliegħ jew telf, ma tħossx il-bżonn li tintrattjeni ruħha fuqu, għad li seta' anki hu waħdu jeskludi li kien hemm fil-każ preżenti vera u proprja assoċjazzjoni). Ara Troplong, "Società" (1884) para. 480 et seq.; Carrè, "Le Droit Commercial" (1874) para. 1981 et seq. Vol. III u para. 2553 Vol. IV; Pardessus "Corso di Dir. Mercantile" (1840). Vol. II para. 1044 et seq.: Delvincourt "Istituzioni di Diritto Commerciale" (1849), Vol. I p. 82; Persil "Des Societés Commerciales" (1833), p. 227;

Fil-każ preżenti l-attur xehed (mhux kontraddett) illi, skond l-arranġament li kien jeżisti bejnu u l-konvenut, fl-appalti li huma kienu jieħdu "bi sħab", huma kienu jidhru t-tnejn, l-attur bħala l-kuntrattur għall-ġebel u l-konvenut bħala l-kuntrattur għax-xogħol l-ieħor kollu. L-attur kien jaħdem ix-xogħol kollu tal-bini, u l-ħlas ta' dan kien jieħdu kollu kemm hu hu, u l-konvenut ma kien jieħu ebda ħabba minnu; mentri l-prezz tax-xogħolijiet l-oħra kollha, injam, madum, tibjid u żebgħa, eċċ., kien jieħdu kollu l-konvenut, u l-attur ma kien jieħu minnu xejn. Telf u qliegħ fuq ix-xogħol tal-ġebel kien interament għall-attur, bla ebda parteċipazzjoni da parti tal-konvenut, mentri t-

telf u qliegħ mix-xogħol l-ieħor kollu kien għall-konvenut, bla ebda parteċipazzjoni da parti tal-attur. L-unika ħaġa li kien jagħmel il-konvenut ta' nteress komuni kienet biss li hu jdaħħal il-ħlas minn għand issidien jew mill-War Damage Commission, u mill-flus li kien idaħħal kien iħallas akkonti biex iħallas lin-nies, u mhux akkont tax-xogħol tiegħu (fol. 80 tergo). L-attur innega reċiżament (evidentement in kontro-eżami) illi bejnu u bejn il-konvenut kien hemm xi ftehim illi hu jħallas perċentwali mill-profitti tiegħu lill-konvenut, jew li dan kellu jħallas perċentwali lilu mill-profitti tiegħu (fol. 80);

Dawn huma ċ-ċirkustanzi li jirriżultaw mill-provi, u dawn biss huma għalhekk iċ-ċirkustanzi ta' fatt li l-Qorti tista' tieħu f'konsiderazzjoni. Partiti oħra ta' ħruġ flinteress komuni msemmijin fil-petizzjoni, li ma hemmx ebda aċċenn għalihom fil-provi, ma jistgħux jitqiesu; apparti milli, għal dawk kollha li kienu xogħolijiet tal-War Damage Commission, l-ispejjeż u onorarji tal-periti kienu jitħallsu mill-Kummissjoni;

Appuntu għaliex, skond il-ftehim, il-konvenut ma kellu ebda sehem ta' nteress fl-eżitu tax-xogħol li kien jagħmel l-attur, l-ispejjeż ta' dan ix-xogħol, il-ħlas tal-ħaddiema, ix-xiri tal-materjal, eċċ. kien jieħu ħsiebhom l-attur; fuq dan ix-xogħol il-konvenut ma kellu ebda ġestjoni u ebda amministrazzjoni, u ma kienx iżomm ebda kontijiet ħlief talvolta biss ta' flus li kien idaħħal u l-akkonti li kien jagħti minn żmien għall-ieħor lill-attur. U għalhekk ta' dak ix-xogħol il-konvenut ma għandu ebda kont (intiż fis-sens tal-liġi) ta' ġestjoni u amministrazzjoni x'jirrendi lill-attur, bħal ma l-attur ma għandu ebda kont x'jirrendi lill-konvenut tax-xogħolijiet l-oħra li fihom, similment, hu ma kellu ebda sehem ta' parteċipazzjoni;

L-attur jaf (kif jallega fiċ-ċitazzjoni u s'issa mhux kontraddett) bit-total tal-flejjes li għax-xogħol tal-bini daħħal għalieh waħdu l-konvenut, u jaf bl-akkonti li rċieva; u mhux jitlob ħlief il-bilanċ. U l-attur, flimkien maċ-ċitazzjoni, ippreżenta prospett dettaljat tal-partiti ta' flus li hu jgħid li jmissu lilu u żewġ pitazzi, li kien iżomm hu-

wa, li juru d-dettalji tal-ħlassijiet riċevuti. B'mod illi l-konvenut ġie mqiegħed f'pożizzjoni li jiddefendi ruħu u jikkontesta l-pretensjoni tal-attur dwar l-ammont dovut. Anqas meta, skond il-liġi, hu strettament meħtieġ ir-rendikont veru u proprju, ma hi preskritta ebda forma speċjali, purkè jkun juri soddisfaċentement il-pożizzjoni ta' kreditu u debitu. Fil-każ preżenti, l-azzjoni hi formalment istitwita tajjeb, u fiċ-ċirkustanzi jkun telf ta' żmien inutili u spejjeż inġustifikati li tiġi annullata ċ-ċitazzjoni;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.